



L-Għodda tal-UE għall-Profili tal-Ħiliet taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi

MANWAL GĦALL-UTENTI

**L-Għodda tal-UE għall-Profili tal-ħiliet taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi
Terzi – Manwal tal-Utenti**

Werrej

| | | |
|------|---|----|
| 1. | SKOP TAL-GĦODDA..... | 3 |
| 2. | UTENTI | 3 |
| 3. | GWIDA GĦAT-TAQSIMIET SPEċIFIĊI | 4 |
| 3.1. | Kif toħloq profil ġdid | 4 |
| 3.2. | Informazzjoni personali | 6 |
| 3.3. | Aspettattivi | 7 |
| 3.4. | Identifikazzjoni tal-ħiliet | 9 |
| 3.5. | Valutazzjoni ġenerali u passi li jmiss rakkomandati | 9 |
| 3.6. | Kunsens u Protezzjoni tad-dejta | 10 |
| 3.7. | Sommarju | 10 |
| 4. | KIF TUŻA L-GĦODDA — KWISTJONIET TEKNIĊI..... | 10 |
| 4.1. | Gwida għall-mistoqsijiet speċifiċi | 10 |
| 4.2. | Navigazzjoni bejn it-taqsimiet..... | 11 |
| 4.3. | Buttuna "Tella!" | 12 |
| 4.4. | Kif tissejvja jew tkompli timla profil eżistenti — Issejvja/Esporta/Importa | 12 |
| 4.5. | Kif tipprintja..... | 13 |
| 5. | AKTAR GħAJNUNA | 14 |

1. Skop tal-Ġħodda

L-Ġħodda tal-UE għall-Profili tal-Ħiliet (minn issa 'l quddiem, l-Ġħodda) hija editur multilingwi online disponibbli mis-sit **ec.europa.eu/migrantskills** biex jużaww l-organizzazzjonijiet li jaħdmu maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Din l-Ġħodda tista' tintuża waqt l-intervisti bejn il-konsulenti u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-Ġħodda tista' tiġi aċċessata minn bosta apparati, inklużi l-kompijutors desktop, il-mobiles u t-tablets.

L-Ġħodda tgħin fl-immappjar tal-ħiliet, tal-kwalifikasi u tal-esperjenzi ta' xogħol ta' individwu. Isservi bħala l-bażi għal pariri personalizzati dwar x'passi oħra jistgħu jittieħdu għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol (eż. riferiment lill-awtoritatijiet għar-rikonoxximent tad-diplomi, għall-validazzjoni tal-ħiliet, għal taħriġ fil-lingwi jew taħriġ ieħor jew għas-servizzi ta' appoġġ għall-impjiegħ).

L-Ġħodda mhijiex maħsuba biex tkun għodda ta' rikonoxximent jew ta' awtentikazzjoni.

2. Utenti

L-Ġħodda hija flessibbli u tista' tintuża minn diversi organizzazzjonijiet b'mod li taqdi l-aħjar il-bżonnijiet tagħhom.

Fost l-oħrajn, l-utenti ewlenin huma:

- L-awtoritatijiet nazzjonali responsabbi għall-akkoljenza u għall-integrazzjoni tar-refuġjati
- Iċ-ċentri tal-akkoljenza
- Is-servizzi tal-appoġġ għall-impjiegħ
- Il-konsulenti tal-edukazzjoni u tat-taħriġ
- Is-servizzi soċjali
- L-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-organizzazzjonijiet tal-karità li joffru servizzi lir-refuġjati u lil-ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi.

L-utenti jistgħu jiddeċiedu huma stess kif jimlew il-formola:

- ċittadin ta' pajjiż terz u l-konsulent jistgħu jiltaqgħu u jimlew l-Ġħodda flimkien, b'żewġ verżjonijiet lingwistiċi tal-Ġħodda miftuħin simultanjam fuq l-iskrin, sabiex jingħelbu d-diffikultajiet li jista' jkun hemm fil-komunikazzjoni (ara r-ritratt tal-iskrin li jmiss);

L-Għodda tal-UE għall-Profili tal-ħiliet taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi – Manwal tal-Utenti

Il-Kummissjoni Ewropea > GĦODDA TAL-UE GĦALL-PROFILI TAL-ĦILIEET TAĊ-ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI

GĦODDA TAL-UE GĦALL-PROFILI TAL-ĦILIEET TAĊ-ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI



Tella' ritratt

Lingwa tal-persuna intervistata
العربية (ar)

Configuration

Esporta ▾ Neħħi Lura X'limiss >

Informazzjoni personali Aspettativi Identifikazzjoni tal-ħiliet Lingwi Edukazzjoni u Taħriġ

Ħiliet ta' litteriżmu Ħiliet ta' numeriżmu Ħiliet diġitali

Identifikazzjoni tal-ħiliet

Attendejt xi kors edukattiv u/jew taħriġ, inkluż edukazzjoni primaria u taħriġ informali?

هل سبق لك انهاكلت أي نوع من التعليم أو التعليم المنهجي ، بما يشمل التعليم الأساسي والثانوي وغير ذلك؟

Iva / نعم
 Le / لا

- ċittadin ta' pajjiż terz jista' jimla waħdu t-taqsimiet “Informazzjoni personali” u “Identifikazzjoni tal-ħiliet” u l-konsulent jista' jimla t-taqsimha “Valutazzjoni ġenerali u passi li jmiss rakkomandati” b'mod separat;
- tista' timtela f'darba waħda jew f'diversi drabi (ara t-taqsimha 4.4 dwar kif tissejvja l-profil u terġa' ttellgħu biex tkompli taħdem fuqu).

3. Gwida għat-Taqsimiet SPEċIFIċI

3.1. Kif toħloq profil ġdid

Biex tibda profil ġdid, agħżeż “Oħloq Profil” fuq il-paġna ewlenija kif jidher hawn taħt.

L-Għodda tal-UE għall-Profili tal-Ħiliet taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi – Manwal tal-Utenti



L-Għodda tal-UE għall-Profili tal-Hiljet taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi hija għodda multilingwi maħsuba biex tintuża minn organizzazzjonijiet li joffru assistenza lil Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi. Din tgħin għall-immappjar tal-hiljet, tal-kwaliifikasi u tal-esperjenzi ta' xogħol taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u tagħtilhom pariri personalizzati dwar passi ulterjuri, eż-referenza għar-rikonnoximent tad-diplomi, għall-validazzjoni tal-hiljet, għat-taħrif id-uterjuri jew għas-servizzi ta' appoġġ għall-impiegji.

- Ara filmat informativ dwar din l-Għodda.
- Manwal għall-utenti

Is-sistema tifta il-formola online fejn tkun tista' ddaħħal id-dejta, kif turi l-istampa li jmiss.

**L-Għodda tal-UE għall-Profili tal-Ħiliet taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi
Terzi – Manwal tal-Utenti**

The screenshot shows the EU Profile tool interface. At the top, there is a blue header bar with the text "Il-Kummissjoni Ewropea > GHODDA TAL-UE GHALL-PROFILI TAL-ĦILJET TAČ-ĊITTADINI TA' PAJJIZI TERZI". Below this, a large blue banner displays the title "GHODDA TAL-UE GHALL-PROFILI TAL-ĦILJET TAČ-ĊITTADINI TA' PAJJIZI TERZI". On the left, there is a placeholder image labeled "Tella' ritratt". In the center, there is a dropdown menu for "Lingwa tal-persuna intervistata" set to "Arabbi (ar)". To the right, there is a "Configuration" button. Below the banner, there are three tabs: "Esporta", "Neħhi", and "X'miss >". Under the "Neħhi" tab, there are two sections: "Informazzjoni personali" (highlighted with a yellow border) and "Informazzjoni ġeneralji". The "Informazzjoni personali" section contains a sub-section "Kunjom*" with a note "Iġix-ikom".

Hemm possibbiltà li ttella' ritratt.



3.2. Informazzjoni personali

Informazzjoni ġeneralji

Informazzjoni bażika ta' identifikazzjoni: l-isem, is-sess, id-data tat-twelid, iċ-ċittadinanza u l-istat ċivili.

L-Għodda tal-UE għall-Profili tal-ħiliet taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi – Manwal tal-Utenti

Informazzjoni ta' kuntatt

Informazzjoni bażika ta' kuntatt: l-indirizz, l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown.

Informazzjoni dwar il-migrazzjoni

Informazzjoni dwar il-wasla tal-persuna fl-Unjoni Ewropea: id-data tal-wasla, l-istatus tar-residenza u tal-permess tax-xogħol, jekk il-persuna tkunx qed tivvjaġġa ma' xi dipendenti bħal tfal jew qarba anzjani.

3.3. Aspettattivi

Din it-taqṣima tistaqsi x'inhuma l-passi li l-persuna intervistata tixtieq tieħu biex tintegra. Madankollu, mhuwiex garantit li dawn il-passi mixtieqa jkunu fattibbli. Dan jiddependi minn ħafna fatturi (eż. il-ħiliet attwali tal-persuna intervistata wara li ssirilha l-valutazzjoni, id-dinamika tas-suq tax-xogħol fil-pajjiż ospitanti, id-disponibbiltà tal-perkorsi tal-edukazzjoni mixtieqa).

X'imiss li tixtieq tagħmel?

ما الذي ترتفع فيه لغتك؟

- Ittejjeb il-ħiliet tal-lingwa / تحصين المهارات اللغوية / ما الذي ترتفع فيه لغتك؟
- Issegwi kors ta' integrazzjoni / الإنفاق بدورات الإنعام / الحصول على التعليم أو التدريب / ما الذي ترتفع فيه لغتك؟
- Tattendi kors edukattiv u/jew taħriġ / الحصول على التعليم أو التدريب / ما الذي ترتفع فيه لغتك؟
- Issib xogħol / إيجاد عمل / آخر /
- Oħrajn / آخر /

L-utenti jistgħu jżidu jew ineħħu kemm iridu aspettattivi permezz tal-buttni "+ ŻID ASPETTATTIVA" u "- NEĦĦI ASPETTATTIVA" li jidhru hawn taħt.

Neħħi aspettattiva 

Żid aspettattiva

Ittejjeb il-ħiliet tal-lingwa

L-utenti jistgħu jagħżlu sa massimu ta' erba' lingwi li jixtiequ jitgħallmu.

Tattendi kors edukattiv u/jew taħriġ

Il-mistoqsijiet ta' wara jinkludu, fost l-oħrajn, mistoqsija dwar il-qasam/l-oqsma ta' studju li l-persuna tkun tixtieq issegwi.

**L-Għodda tal-UE għall-Profili tal-Ħiliet taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi
Terzi – Manwal tal-Utenti**

Dan il-menu li jinżel juża l-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni¹ tal-UNESCO bħala s-sors tad-dejta.

L-utenti jistgħu jfittxu keyword jew jibbrawżjaw għall-aktar qasam ta' studju rilevanti fil-lista.

Qasam/oqsma ta' studju

مجالات الدراسة

▼

Issib xogħol

Il-mistoqsjiet ta' wara jinkludu, fost l-oħrajn:

- Mistoqsjia dwar il-qasam/l-oqsma ta' attivitā li l-persuna tkun tixtieq taħdem fiħ/fihom:

Jekk jogħġbok indika l-iktar qasam ta' attivitā adattat

إذا كان يحدّد المُؤخِّر مُقاصِدَهُ

▼

Dan il-menu li jinżel juża l-Klassifikazzjoni tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE)².

- Mistoqsjia dwar il-mestier(i) li l-persuna tixtieq tagħmel:

Jekk jogħġbok indika l-iktar mestier adattat

إذا كان يحدّد المُؤخِّر مُقاصِدَهُ

▼

Search in interviewee language / Search in interviewee language

Dan il-menu li jinżel juża l-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifikasi u Impjieg (ESCO).³

¹<http://uis.unesco.org/sites/default/files/documents/international-standard-classification-of-education-isced-2011-en.pdf>

²[http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Glossary:Statistical_classification_of_economic_activities_in_the_European_Community_\(NACE\)](http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Glossary:Statistical_classification_of_economic_activities_in_the_European_Community_(NACE))

³<https://ec.europa.eu/esco/portal/home?resetLanguage=true&newLanguage=mt>

3.4. Identifikazzjoni tal-ħiliet

i. Lingwa

Din it-taqṣima tistaqsi liema hija l-lingwa nattiva tal-persuna, jekk tafx tikkomuni b'xi lingwa tal-pajjiż ospitanti, u titlobha tiddeskrivi l-livell tal-kapaċità tagħha f'lingwi oħrajn li taf.

Il-menus li jinżlu tal-lingwa jużaw il-klassifikazzjoni tal-lingwi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, [ISO-639](#)⁴.

ii. Edukazzjoni u taħriġ

Wara mistoqsija dwar jekk il-persuna diġà rċevietx xi edukazzjoni, jitla' sett ta' mistoqsijiet ta' segwitu.

Il-mistoqsija dwar il-qasam/l-oqsma ta' studju hija marbuta mal-ogħla livell ta' edukazzjoni tal-persuna. Din tuża l-[Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni](#)⁵ tal-UNESCO bħala s-sors tad-dejta.

Din il-klassifikazzjoni tista' ma tkunx rilevanti f'ċerti ċirkostanzi individwali, u f'dan il-każ tista' titħallha vojta. Għal dawk li għandhom biss edukazzjoni primarja bażika jew edukazzjoni sekondarja ġenerali, l-għażla ta' "Programmi u kwalifikasi bażiċi" jew ta' "Litteriżmu u numeriżmu" tista' tkun dik xierqa.

3.5. Valutazzjoni ġenerali u passi li jmiss rakkmandati

Din it-taqṣima għandha timtela mill-konsulent li għandu jagħmel valutazzjoni ġenerali li tiġib fil-qosor l-aspetti pożittivi u d-dgħufijiet tal-profil maħluq u tipprovi pariri konkreti dwar x'għandu jagħmel issa c-ċittadin ta' pajjiż terz. Pereżempju, jekk il-persuna jkollha kwalifika miksuba f'pajjiż li mhux membru tal-UE, il-konsulent għandu jagħtiha l-indirizz tal-organizzazzjoni li taħdem fil-qasam tar-rikonoxximent tal-kwalifikasi barranin fil-pajjiż jew fir-reġjun ospitanti. Għandhom jingħataw pariri simili b'referenza għall-organizzazzjonijiet rilevanti jekk ikun hemm bżonn li jiġu vvalidati l-ħiliet, li jittieħed iktar taħriġ, li jingħata appoġġ għall-impjieg jew li tingħata aktar gwida.

Huwa rakkmandat li l-organizzazzjonijiet li biċċiebhom jużaw l-Għodda f'xogħolhom, l-ewwel jimmappjaw ir-riżorsi kollha (eż. is-servizzi ta' rikonoxximent u ta' validazzjoni, it-taħriġ, is-servizzi ta' appoġġ għall-impjieg, eċċ.) miftuħha għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-pajjiż jew fir-reġjun tagħhom u

⁴ <https://www.iso.org/iso-639-language-codes.html>

⁵ <http://uis.unesco.org/sites/default/files/documents/international-standard-classification-of-education-isced-2011-en.pdf>

jistabbilixxu kuntatti ma' dawk I-organizzazzjonijiet u dawk il-fornituri tat-taħriġ qabel ma jagħmlu dawn ir-riferimenti personalizzati fil-profilu tal-ħiliet.

Din it-taqṣima titlob ukoll lill-organizzazzjonijiet li jgħinu liċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi joħolqu I-profilu tal-ħiliet, biex jidtegħi kien minn-hom (dawn jisseqjha "Organizzazzjoni tal-ħruġ" taħt it-tab "Organizzazzjoni"). Dan mhuwiex obbligatorju, iż-żda jgħin liċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi biex jitkolbu I-għajnejna mingħand is-servizzi rrakkomandati I-oħrajn.

3.6. Kunsens u Protezzjoni tad-dejta

It-taqṣima "Kunsens" tistaqsi jekk il-persuna intervistata taqbilx jew le li 1) id-dejta anonimizzata tagħha tintuża għal finijiet ta' statistika u 2) li I-organizzazzjoni tal-ħruġ tista' taqsam I-informazzjoni miġbura għal finijiet ta' gwida għall-karrieri.

Innota li bilfors trid twieġeb iż-żewġ mistoqsijiet dwar il-kunsens (billi tagħżel IVA jew LE) sabiex tkun tista' tissejvja jew tiprintja I-profil mimli.

Il-profilu tal-ħiliet personali mimlija ma jinħażnux ċentralment. Jekk I-organizzazzjonijiet li jużaw I-Ġħodda jiddeċiedu li jaħżnu I-profilu tal-ħiliet personali fuq I-infrastruttura lokali tagħhom, għandhom jiżguraw li jagħmlu dan f'konformità mar-regoli u mal-linji gwida dwar il-protezzjoni tad-dejta personali eżistenti.

Il-persuna intervistata tista' tirċievi kopja stampata tal-profil tagħha jew kopja ssejvjata fuq USB stick.

3.7. Sommarju

Is-sommarju jkun b'lingwa waħda. L-istess sommarju jista' jidher fi kwalunkwe waħda mil-lingwi li tagħżel mill-menu tal-lingwi li hemm fin-naħħa ta' fuq tal-iskrin.

4. Kif tuża I-ġħodda – Kwistjonijiet Tekniċi

Ibda bi PROFIL ġ DID: biex toħloq il-profil, ikklikkja fuq "Oħloq Profil"

4.1. Gwida għall-mistoqsijiet speċifiċi

Għal spjegazzjonijiet dwar mistoqsijiet speċifiċi, ikklikkja fuq is-simbolu < ? >:

**L-Għodda tal-UE għall-Profili tal-ħiliet taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi
Terzi – Manwal tal-Utenti**

B'kolloġġ, kemm domt tattendi l-kors edukattiv u/jew it-taħriġ part-time?



ما مقدار الوقت الإجمالي الذي تضمنته في حضور تدريس و/أو تدريب بمدرسة جزئي؟

Ġimgħa(t) لأسابيع

Xahar/xhur الأشهر

Sena/Snin السنوات

4.2. Navigazzjoni bejn it-taqsimiet

L-għodda maqsuma f'ħames taqsimiet:

Informazzjoni personali, Aspettattivi, Identifikazzjoni tal-ħiliet, Valutazzjoni ġenerali u passi li jmiss rakkomandati u Sommarju

Tista' tuża l-buttni "X'imiss" u "Lura" biex tinnaviga bejn it-taqsimiet konsekuttivi.

[Lura](#) [X'imiss >](#)

Informazzjoni personali



Informazzjoni ġenerali



Informazzjoni ta' kuntatt

Informazzjoni dwar il-migrazzjoni

Alternattivament, tista' tmur mill-ewwel fit-taqSIMA li txitieg billi tikklikkja fuq it-titlu jew is-subtitlu fuq ix-xellug tal-paġna.

Aspettattivi

Identifikazzjoni tal-ħiliet

Valutazzjoni ġenerali u passi li jmiss rakkomandati

Sommarju

4.3. Buttuna "Tella"

Fejn ikun hemm il-buttna < Tella' > bħal din ta' hawn taħt, ikollok l-opportunità żżid biċċa dokumentazzjoni rilevanti. Dawn id-dokumenti jinħażnu biss lokalment (eż-fuq kompjuter jew fuq USB flash drive) għall-użu personali tiegħek. Ma jiġux issejvjati fuq l-internet, fuq is-servers jew fil-clouds.

Żid ċertifikat

Biex tneħħi xi dokument imtella', ikklikkja fuq is-simbolu ✗ li jkun hemm ħdejh.

4.4. Kif tissejvja jew tkompli timla profil eżistenti – Esporta/Importa

Biex tkompli timla profil eżistenti, l-ewwel trid tissejvja fajl XML tal-profil fuq l-apparat tiegħek (jew f'post ieħor xieraq). Biex tagħmel dan, ikklikkja fuq < Esporta > → XML fil-qiegħ tal-paġna.



Jekk tiġi mitlub li tagħżel "Open" jew "Save", kun ċert li tagħżel "Save" jew "Save as".

Nota: biex dawn il-funzjonalitajiet ikunu disponibbli trid tkun imlejt l-isem u l-kunjom kif ukoll il-mistoqsijiet fit-taqSIMA "Kunsens".

Kunsens

Jiena, Run Trial, naqbel li din l-informazzjoni, meta tiġi anonimizzata, tista' tintuża għal finijiet ta' statistika.
Jekk jogħibok hu nota li, il-profili kompluti ma jinħażnux fuq is-servers tal-Kummissjoni Ewropea. Issejvja jew esporta l-profil tiegħek qabel toħroġ mill-editur.
- Il-partijiet kollha huma fakultattivi ħlief għall-isem u l-kunsens.

Meta tkun lest biex tkompli, erġa' tella' l-fajl XML issejvjat permezz tal-buttna < Importa > fuq il-paġna ewlenija, u tkun tista' tkompli minn fejn ġallejt.

IMPORTA PROFIL

4.5. Kif tiprintta

Agħżel it-tab “Sommarju” mit-tabs tat-titli prinċipali, kif jidher hawn taħt.

Innota li kif tagħmel l-għażla tiegħek tiġi attivata l-buttna “Ipprintja” f’qiegħ il-paġna. Il-buttna “Ipprintja” tkun viżibbli biss meta tagħżel it-tab “Sommarju”.



Agħfas il-buttna “Ipprintja”. Imbagħad jitla’ d-djalogu “Print” skont il-brawżer li tkun qed tuża u tkun tista’ tagħżel minn fost l-għażla tas-soltu (l-għażla tal-printer tad-destinazzjoni, il-paġni li jridu jiġu pprintjati, l-orjentazzjoni tal-paġna (jekk hux landscape/portrait), eċċ.).

Nota: id-djalogu “Print” jiddependi mill-brawżer; mhuwiex spċificu għall-Għodda tal-Ħiliet. Għalhekk, ivarja skont il-brawżer li tuża. Pereżempju, skont il-brawżer li tuża jista’ anke jkollok ritratt ta’ kif se jiġi pprintjat id-dokument (preview).

Agħfas il-buttna “Print” fil-każ ta’ Google Chrome jew Internet Explorer, u “OK” fil-każ ta’ Mozilla Firefox. Il-kontenut tas-“Sommarju” jiġi pprintjat kif jidher fuq l-iskrin.

Nota: Alternattivament, tista’ tuża l-kmand “Ctrl + P” mit-tastiera biex tipprintja mill-paġni tat-tabs; f’dan il-każ tipprintja l-kontenut tal-paġna tat-tab rispettiva, u mhux il-kontenut kollu tal-formola.

5. Aktar għajjnuna

Jekk ikollok xi mistoqsijet oħra, jekk jogħġibok ibgħat email f’dan l-indirizz:

EMPL-E2-SKILLS-PROFILETOOL@ec.europa.eu